



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-111/12

Ministero per i beni e le attività culturali et  
vs  
Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia et

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato)

“Direttiva 85/384/KEE — Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifikasi formali fil-qasam tal-arkitettura — Artikoli 10 u 11(g) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kwalifikasi ta’ perit u ta’ inġinier ċivili, iżda li tirriżerva lill-periti x-xogħol fuq binjiet ikklassef bħala patrimonju artistiku — Prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament — Sitwazzjoni purament interna ta’ Stat Membru”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta’ Frar 2013

1. Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Domanda magħmula fil-kuntest ta’ tilwima llimitata għat-territorju ta’ Stat Membru wieħed — Ġurisdizzjoni fid-dawl tal-eventwali applikabbiltà tar-regola tal-Unjoni għall-imsemmija tilwima minħabba projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni stabbilita mid-dritt nazzjonali

(Artikolu 267 TFUE)

2. Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Periti — Rikonoxximent ta’ diplomi u ta’ kwalifikasi — Eżerċizzju ta’ attivitajiet fuq bini li għandu interess artistiku — Leġiżlazzjoni tal-Istat ospitani li tissuġġetta lill-persuni li jkollhom kwalifika mogħtija fi Stat ieħor, li tagħti aċċess għall-attivitajiet tal-periti u li tissemma fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/384, għal verifika spċċifika tal-kapaċità professionali tagħhom fil-qasam tal-patrimonju kulturali — Inammissibbiltà

(Direttiva tal-Kunsill 85/384, Artikoli 10 u 11)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 34, 35)

2. L-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 85/384, dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta’ xhieda oħra ta’ kwalifikasi formali fl-arkitettura, inklużi miżuri biex jiffaċċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta’ stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li persuni, li għandhom kwalifikasi formali mogħtija minn Stat Membru minbarra l-Istat Membru ospitanti li tagħtihom aċċess għall-attivitajiet fil-qasam tal-arkitettura u li tissemma espressament fl-imsemmi Artikolu 11, ma jistgħux jeżerċitaw, f'dan l-aħħar Stat, attivitajiet li jirrigwardaw bini ta’ interress artistiku sakemm ma jurux, jekk ikun il-każ fil-kuntest ta’ verifika spċċifika tal-kapaċità professionali, li għandhom kwalifikasi partikolari fil-qasam tal-patrimonju kulturali.

(ara l-punt 52 u d-dispożittiv)